MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 918/2005

**Ignazio Anastasi Ltd.**

**vs**

**Claudio Fava ezercenti in kummerc bhala Fareway Garage**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija sebgha u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm147.30), liema somma tirrapprezenta total ta' invoices mahruga mis-socjeta' attrici lill-konvenut li sal-gurnata ta' llum baqghu ma thallsux, minkejja d-debita interpellazzjoni ghall-hlas.

Bl-ispejjez, inkluz dik ta' l-ittra legali tat-18 ta' Marzu 2005 u l-imghax legali.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija sebgha u erbghin Liri Maltin u tletin centezmu (Lm147.30), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------